

ADDENDUM

Addendum għas-Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għall-persunal kuntrattwali f'dawn il-gruppi ta' funzjoni u l-profilu li ġejjin:

Paġna 1

Wara

EPSO/CAST/P/19/2018 Persunal tal-kura tat-tfal FG II

Żid

EPSO/CAST/P/20/2018 Psikologi Edukattivi FG IV

Paġna 7

Taħt

ANNEX I — DMIRIJET

Żid

GRUPP TA' FUNZJONI IV Psikologi Edukattivi (tfal ta' bejn 0–14)

- a. L-għoti tal-kompetenza fil-qasam tal-psikoloġija edukattiva fiċ-ċentru tal-kura tat-tfal u/jew iċ-ċentru ta' wara l-iskola u l-ghajjnuna fil-preparazzjoni ta' ċerti fajls marbuta ma' dan ir-rwol.
- b. Is-segwiment mill-qrib tax-xogħol tal-infermiera, tal-persunal tal-kindergarten u/jew l-għalliema/edukaturi għall-għoti ta' appoġġ għax-xogħol edukattiv tagħhom.
- c. Il-kontribut għat-taħriġ kontinwu dwar kwistjonijiet edukattivi sabiex tissaħħaħ il-professjonalità tal-persunal edukattiv.
- d. It-tmexxija tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u l-implimentazzjoni/titjib tal-pjan ta' taħriġ u l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' taħriġ fi kwistjonijiet edukattivi.
- e. L-osservazzjoni u s-segwiment tal-iżvilupp ġenerali tat-tfal biex jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet għall-benesseri tagħhom fiċ-ċentru tal-kura tat-tfal u/jew iċ-ċentru ta' wara l-iskola.
- f. L-infurmar tal-ġenituri, fil-laqgħat organizzati għal dan il-għan, bl-attivitajiet tat-tifel/tifla tagħhom biex tinżamm rabta magħhom ibbażata fuq il-fiduċja u l-isħubija.
- g. L-aġir f'sitwazzjonijiet speċifiċi, għal kull talba tal-infirmiera, persunal tal-kindergarten u/jew għalliema/edukaturi, ġenitur jew b'inizjattiva proprja biex jittejbu l-kundizzjonijiet u jiġi żgurat il-benessri tat-tfal.
- h. Il-propożizzjoni ta' bidliet tal-organizzazzjoni ġenerali sabiex jitjiebu l-kwalità pedagoġika tax-xogħol, il-ħajjiet tat-tfal fiċ-ċentru tal-kura tat-tfal u/jew iċ-ċentru ta' wara l-iskola, u s-servizz lill-ġenituri.
- i. Iż-żamma tal-kuntatt permanenti, jew kollettivament jew fuq bażi individwali mal-infermiera, il-persunal tal-kindergarten u/jew l-għalliema/edukaturi biex tiġi żgurata l-konsistenza edukattiva tal-għalliema.
- j. L-iżviluppa ta' proposti għall-ippjanar ta' aspetti differenti tal-organizzazzjoni ġenerali, inklużi l-għażla u l-akkwist tal-materjali, biex jiġu influwenzati b'mod pożittiv il-kwalità tal-ħajja tat-tfal u s-servizz provdut lill-ġenituri.
- k. L-iżgurar li d-dikjarazzjoni tal-missjoni edukattiva tiġi implimentata b'mod xieraq.
- l. Il-parteċipazzjoni, jekk meħtieġ, fl-isforzi ta' koordinazzjoni bejn iċ-ċentri tal-kura tat-tfal

u ċ-ċentri ta' wara l-iskola.

Il-prinċipji l-oħra kollha ta' din is-Sejħa għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal Grupp ta' Funzjoni IV Psikologi Edukattivi.